FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Ottubru, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 778/01JR**

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Romina Libreri u Fiona Baldacchino**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-20 t' Awissu, 2001 fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu *in solidum* bejniethom l-ammont ta' elf u erbgha u erbghin lira Maltija tlieta u erbghin centezmu (Lm1044.43), liema soma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuti Romina Libreri u Fiona Baldacchino lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 10235 in rigward ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Dicembru, 2000 u Mejju, 2001, in kwantu ghal Romina Libreri bhala l-persuna illi**

**uzufruwiet minn tali servizz u illi ffirmat il-kuntratt relattiv; u in kwantu ghal Fiona Baldacchino essendo hija l-persuna illi fit-28 ta' Dicembru, 2001, awtorizzat lis-socjeta` attrici illi taddebita l-ammonti kollha inkorsi minn Romina Libreri in segwitu ghal tali kuntratt lilha Fiona Baldacchino stess;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju, u tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid it-tnejn mahruga kontestwalment ma' dan l-att, u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti in solidum bejniethom ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma deheru.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Antonio Tufigno ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u erbgha u erbghin lira Maltija tlieta u erbghin centezmu (Lm1044.43), bl-imghaxijiet kummercjali mit-30 ta' Mejju, 2001, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju, u tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid it-tnejn mahruga kontestwalment ma' l-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**